REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 314/2012

tat-12 ta' April 2012

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 555/2008 u (KE) Nru 436/2009 f'dak li jirrigwarda d-dokumenti li jakkumpanjaw it-trasport tal-prodotti u r-reġistri li għandhom jinżammu fis-settur tal-inbid

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 121, l-ewwel subparagrafu, il-punti (k) u (m), l-Artikolu 185a, l-Artikolu 185c(3), u l-Artikolu 192(2), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid ([2]), jipprovdi fit-Titolu V tiegħu, u b'mod partikolari fl-Artikolu 82 tiegħu, li meta Stat Membru jaħtar diversi korpi kompetenti biex jissorveljaw il-konformità mar-regoli li jiġġestixxu s-settur tal-inbid, l-Istat Membru għandu jikkoordina x-xogħol ta' dawk il-korpi. Din il-miżura ma tippermettix tweġiba sħiħa għall-bżonnijiet ta' koordinazzjoni fost il-korpi ta' kontroll differenti fil-kuntest tal-moviment tal-prodotti tal-inbid soġġetti għas-sisa, minħabba l-użu fis-settur tal-inbid ta' dokumenti implimentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa ([3]). Jeħtieġ li jiġu ċċarati l-miżuri li l-Istati Membri għandhom jieħdu sabiex jagħtu lill-korpi kompetenti għall-kontroll tal-konformità mar-regoli dwar l-inbid aċċess għall-informazzjoni relatata mal-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa, li jsir skont id-Direttiva 2008/118/KE u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa ([4]). Jixraq b'mod partikulari li titqies is-sistema EMCS (Excise Movement and Control System) imwaqqfa mid-Deċiżjoni Nru 1152/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar il-komputerizzazzjoni tal-moviment u tas-sorveljanza ta' prodotti soġġetti għas-sisa ([5]).

(2) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 555/2008 jiġi emendat skont dan sabiex jipprovdi implimentazzjoni gradwali tad-dispożizzjonijiet il-ġodda, minħabba ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri tal-miżuri relatati mal-koordinazzjoni tal-kontrolli u mal-aċċess għall-informazzjoni.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 tas-26 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 f'dak li jirrigwarda r-reġistru tal-vinji, il-prospetti obbligatorji u l-istabbiliment ta' tagħrif għall-monitoraġġ tas-suq, id-dokumenti li jakkumpanjaw il-ġarr tal-prodotti u r-reġistri li għandhom jinżammu fis-settur tal-vinji tal-inbid ([6]), jipprovdi, fit-Titolu III tiegħu u b'mod partikolari fl-Artikoli 21 sa 31 tiegħu, it-tipi ta' dokumenti ta' akkumpanjament ammissibbli għat-trasport tal-prodotti tal-inbid, ir-regoli applikabbli għall-użu ta' dawn id-dokumenti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, kif ukoll għall-esportazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' verifika taċ-ċertifikati ta' oriġini għall-inbejjed b'Denominazzjoni Protetta ta' Oriġini (DPO) jew b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP). Dawn id-dispożizzjonijiet huma, sal-lum, parzjalment skaduti jew ma jikkunsidrawx l-emendi kollha fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li saru mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 436/2009. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, għall-użu mill-1 ta' Jannar 2011 tad-dokument amministrattiv elettroniku msemmi fl-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2008/118/KE, stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 684/2009, għall-emenda tal-formalitajiet applikabbli għall-kontroll tal-ħruġ tal-prodotti mit-territorju tal-Unjoni wara l-ġeneralizzazzjoni tal-proċeduri elettroniċi mill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni u fl-aħħar nett għall-emendi tar-regoli applikabbli għad-DPO, l-IĠP u l-indikazzjonijiet tas-sena tal-ħsad jew tal-varjetà tal-għeneb wara r-riformi li saru fis-settur tal-inbid mill-1 ta' Jannar 2009. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Artikoli kkonċernati jiġu emendati, inkluż fil-każ ta' ċerti definizzjonijiet skaduti, li għandhom jitneħħew.

(4) L-emendi li jsiru f'dan il-kuntest għandhom jippermettu li d-dokumenti li jakkumpanjaw it-trasport tal-prodotti, rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 436/2009 għall-prodotti tal-inbid, jintużaw bħala ċertifikazzjoni tad-DPO, tal-IĠP, tas-sena tal-ħsad jew tal-varjetà tal-għeneb, inkluż meta dawn jiġu stabbiliti mill-kunsinjatur. F'dan ir-rigward, jaqbel li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li fihom id-dokumenti ta' akkumpanjament jitqiesu awtentiċi.

(5) Il-formalitajiet relatati mal-ħruġ tal-prodotti mit-territorju doganali tal-Unjoni ġew emendati bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 436/2009. Dawn jitwettqu skont kundizzjonijiet ġodda definiti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.
([4]) ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24.
([5]) ĠU L 162, 1.7.2003, p. 5.
([6]) ĠU L 128, 27.5.2009, p. 15.

l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]). Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu stabbiliti, skont dawn il-kundizzjonijiet ġodda, ir-regoli ta' proċedura applikabbli għall-esportazzjoni u l-ħruġ effettiv tal-prodotti tal-inbid mit-territorju doganali tal-Unjoni, u b'mod partikolari jiġu speċifikati l-obbligi tal-kunsinjatur jew tal-aġent tiegħu.

(6) F'dak li jirrigwarda t-trasport tal-prodotti tal-inbid mhux ikkundizzjonati, fid-dawl tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' sistemi informatiċi li jippermetti l-iskambju awtomatizzat tat-tagħrif, jeħtieġ li jiġu ssemplifikati l-obbligi stipulati fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 436/2009.

(7) Fejn jidħol it-trasport, fit-territorju doganali tal-Unjoni, ta' prodotti tal-inbid iddikjarati, skont il-każ, bħala oriġinarji minn pajjiż terz jew minn pajjiż tal-Unjoni, u mibgħuta inizjalment lejn pajjiż terz jew territorju definit fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2008/118/KE, ir-regoli li jippermettu l-kontroll tal-oriġini tal-prodott mhumiex iddettaljati. Jeħtieġ li jiġi stipulat liema informazzjoni għandu jinkludi d-dokument ta' akkumpanjament, biex tkun tista' tiġi kkontrollata l-oriġini.

(8) Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi, jeħtieġ li jiġi stabbilit jew speċifikat il-kontenut ta' ċerti obbligi previsti mir-Regolament (KE) Nru 436/2009 u li jiġu ssemplifikati l-proċeduri f'dak li jirrigwarda ċ-ċertifikati mitluba fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament u l-evidenza u d-dokumenti li l-operaturi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet u l-korpi kompetenti tal-Istati Membri, u ta' pajjiżi terzi jekk ikun il-każ, f'dak li jirrigwarda b'mod partikolari ċ-ċertifikati tad-DPO u tal-IĠP u ċ-ċertifikazzjoni tal-inbejjed u tal-prodotti tal-inbid ikkummerċjalizzati bl-indikazzjoni tassena tal-ħsad jew tal-varjeta(jiet) tal-għeneb u li jiġu kkunsidrati, għal aktar trasparenza u traċċabbiltà, ir-referenzi ta' dawn id-denominazzjonijiet fir-"Reġistru E-Bacchus" stabbilit u miżmum aġġornat mill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 tal-14 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid ([2]).

(9) Għal raġunijiet ta' tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi, jeħtieġ li jitneħħa l-obbligu, previst fl-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 436/2009, li fir-reġistri tkun indikata ż-żieda ta' sulfiti, minħabba li s-sulfiti jiġu miżjuda fi stadji differenti tal-produzzjoni u tat-trattament tal-inbid u l-kontenut finali ma jikkorrispondix għall-ammont ta' sulfiti indikat.

(10) Fl-interess ta' ġestjoni amministrattiva effikaċi u minħabba l-esperjenza miksuba mill-użu tas-sistemi ta' informazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni, jeħtieġ ukoll li jiġi ssemplifikat u mtejjeb il-mod kif il-Kummissjoni tikkontrolla u tagħti ċerta informazzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 436/2009.

(11) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 436/2009, filwaqt li ċerti dispożizzjonijiet jiġu applikati aktar tard, minħabba ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri tal-miżuri relatati mal-użu ta' dokumenti ta' akkumpanjament u ta' attestazzjonijiet, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 555/2008

Fil-Kapitolu V tat-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 555/2008, jiżdied l-Artikolu 95a li ġej:

"*Artikolu 95a*

Koordinazzjoni tal-kontrolli u aċċess għall-informazzjoni

Għall-kontrolli li jirrigwardaw it-trasport kopert mid-dokumenti ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 24(1)(a)(i) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 (*), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2014, sabiex jagħtu lill-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 82(1) ta' dan ir-Regolament aċċess għall-informazzjoni dwar il-movimenti tal-prodotti tal-inbid soġġetti għad-dazju tas-sisa skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2008/118/KE (**) u li jiċċirkolaw skont is-sistemi previsti mill-Kapitoli IV u V ta' din id-Direttiva.

Għall-kontrolli li jirrigwardaw it-trasport kopert mid-dokumenti ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 24(1)(a)(ii) u (iii) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2014, sabiex jagħtu lill-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 82(1) ta' dan ir-Regolament aċċess għall-informazzjoni, fis-sistemi ta' informazzjoni implimentati għall-kontroll tal-moviment tal-prodotti tal-inbid, għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-informazzjoni miksuba skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi tista' tintuża biss għall-kontrolli speċifiċi pprovduti bir-regolamentazzjoni tas-settur tal-inbid.

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
([2]) ĠU L 193, 24.7.2009, p. 60.

(*) ĠU L 128, 27.5.2009, p. 15.
(**) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12."

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 436/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 436/2009 huwa emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 21 huwa sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 21*

Għan u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan it-Titolu jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 185c tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għall-prodotti tal-inbid, imsemmija fil-Parti XII tal-Anness I tar-Regolament imsemmi (minn hawn 'il quddiem "prodotti tal-inbid").

2. Dan it-titolu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa għal:

(a) il-ħruġ u l-użu tad-dokumenti li jakkumpanjaw it-trasport tal-prodotti tal-inbid, minn hawn 'il quddiem "dokument ta' akkumpanjament",

(b) il-ħruġ taċ-ċertifikat tal-oriġini għall-inbejjed u għall-mosti parzjalment iffermentati b'Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini (DPO) jew Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP), u l-ħruġ taċ-ċertifikazzjoni tal-inbejjed u l-prodotti tal-inbid li mhumiex koperti minn DPO jew IĠP, ikkummerċjalizzati bl-indikazzjoni tas-sena tal-ħsad jew tal-varjeta(jiet) tal-għeneb,

(c) iż-żamma tar-reġistri mill-persuni li jkollhom prodotti tas-settur tal-inbid għall-eżerċizzju ta' xogħolhom."

2) Il-punti (d), (e) u (f) fl-Artikolu 22 jitneħħew.

3) L-Artikoli 23 u 24 huma sostitwiti b'li ġej:

"*Artikolu 23*

Regoli ġenerali

Kull persuna fiżika jew ġuridika, u kull grupp ta' persuni, li għandhom ir-residenza jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni, u li jġorru jew iqabbdu lil min iġorr il-prodott tal-inbid, għandhom jiżguraw li dan it-trasport ikun kopert minn dokument ta' akkumpanjament.

Id-dokument ta' akkumpanjament jista' jintuża biss għal trasport wieħed.

Id-dokument ta' akkumpanjament għandu jkun jista' jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet u lill-korpi kompetenti kull darba li jintalab matul it-trasport.

Artikolu 24

Dokumenti ta' akkumpanjament rikonoxxuti

1. Jiġu rikonoxxuti bħala dokumenti ta' akkumpanjament, bil-kundizzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu u fl-Anness VI:

(a) għall-prodotti tal-inbid mibgħuta fi Stat Membru jew minn Stat Membru għal ieħor, mingħajr preġudizzju għall-punt (b):

(i) wieħed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 21(6) jew fl-Artikolu 26(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE (*), għall-prodotti soġġetti għas-sisa ttransportati bis-sospensjoni tad-drittijiet tas-sisa mat-territorju kollu tal-Unjoni;

(ii) id-dokument ta' akkumpanjament simplifikat imsemmi fl-Artikolu 34 (1) tad-Direttiva 2008/118/KE, maħruġ u użat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3649/92 (**), għall-prodotti soġġetti għas-sisa li jiġu ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, wara li jkunu ħarġu għall-konsum fl-Istat Membru minn fejn ikun beda t-trasport;

(iii) dokument minn dawn li ġejjin, bil-kundizzjonijiet stipulati mill-Istat Membru tal-ħruġ, għall-prodotti mhux soġġetti għas-sisa u għall-prodotti soġġetti għas-sisa mibgħuta minn produtturi żgħar, skont l-Artikolu 40 tad-Direttiva 2008/118/KE:

— fejn l-Istat Membru juża sistema ta' informazzjoni, verżjoni stampata tad-dokument amministrattiv elettroniku rispettiv, jew kwalunkwe dokument kummerċjali li jsemmi, b'mod mill-aktar ċar, il-kodiċi ta' referenza amministrattiv speċifiku ("kodiċi MVV") mogħti mis-sistema msemmija,

— fejn l-Istat Membru ma jużax sistema ta' informazzjoni, dokument amministrattiv jew dokument kummerċjali, bil-kodiċi MMV mogħti mill-korp kompetenti jew mill-kunsinjatur;

(b) għall-prodotti tal-inbid li jintbagħtu lejn pajjiż terz jew lejn territorju ddefinit fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2008/118/KE, wieħed mid-dokumenti msemmija fil-punt a) i) jew iii) ta' dan il-paragrafu.

2. Id-dokumenti ta' akkumpanjament imsemmija fil-paragrafu 1(a) għandhom jinkludu l-informazzjoni msemmija fil-parti C tal-Anness VI, biex jippermettu lill-partijiet kompetenti jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni.

Fejn dawn id-dokumenti jkunu jinkludu kodiċi ta' referenza amministrattiv mogħti jew mis-sistema informatika msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2008/118/KE, jew minn sistema ta' informazzjoni implimentata mill-Istat Membru tal-ħruġ, l-informazzjoni msemmija fil-parti C tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu inklużi fis-sistema użata.

3. Id-dokumenti ta' akkumpanjament imsemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jinkludu l-informazzjoni msemmija fil-punt C tal-Anness VI.

4. Id-dokument ta' akkumpanjament imsemmija fil-paragrafu 1(a)(iii) jinkludu, fuq nett, il-logo tal-Unjoni, il-kliem "Unjoni Ewropea", isem l-Istat Membru kunsinjatur, u sinjal jew logo li jidentifika l-istess Stat Membru.

Id-dokumenti ta' akkumpanjament imsemmija fil-paragrafu 1(a)(i) u (ii) jistgħu jinkludu l-elementi msemmija fl-ewwel inċiż ta' dan il-paragrafu.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu dokumenti oħra ta' akkumpanjament, inklużi dokumenti maħruġin bi proċedura informatizzata pprovduta bħala proċedura ssimplifikata, f'dak li jirrigwarda l-movimenti ta' prodotti tal-inbid li jsiru esklussivament fit-territorju tagħhom.

(*) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.
(**) ĠU L 369, 18.12.1992, p. 17."

4) L-Artikolu 26 huwa sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 26

Awtentiċità tad-dokument ta' akkumpanjament

Id-dokument ta' akkumpanjament jitqies awtentiku bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' użu ta' wieħed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 21(6) tad-Direttiva 2008/118/KE u fl-Artikolu 24(1)(a)(iii), it-tielet subparagrafu, ta' dan ir-Regolament, fejn id-dokument amministrattiv elettroniku korrispondenti huwa stabbilit skont ir-regoli applikabbli;

(b) fil-każ li jintuża dokument minn dawk imsemmija fl-Artikolu 26(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE, fejn il-kunsinjatur ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-istess paragrafu 1;

(c) fil-każ li jintuża dokument maħruġ b'sistema informatika implimentata mill-Istat Membru kunsinjatur, irrikonoxxut bħala dokument kif previst fl-Artikolu 24(1)(a)(ii) ta' dan ir-Regolament, jew bi proċedura informatika prevista bħala proċedura simplifikata skont l-Artikolu 24(5), meta d-dokument elettroniku korrispondenti jiġi stabbilit skont ir-regoli applikabbli;

(d) fil-każijiet l-oħra, fejn il-verżjoni oriġinali tad-dokument ta' akkumpanjament u kopja tagħha jkunu validi minn qabel it-trasport:

(i) bid-data, il-firma tal-persuna responsabbli tal-korp kompetenti, u t-timbru ta' dan il-korp kompetenti, jew

(ii) bid-data, il-firma tal-kunsinjatur, u l-istampar minn dan tal-aħħar, skont il-każ:

— ta' timbru speċjali skont il-mudell li jidher fl-Anness VIII,

— ta' timbru deċiż mill-awtoritajiet kompetenti, jew

— ta' marka ta' magna tat-timbrar, approvata mill-awtoritajiet kompetenti.

It-timbru speċjali jew dak deċiż mill-awtoritajiet kompetenti, imsemmija fl-ewwel inċiż, il-punt (d)(ii), jistgħu jiġu ttimbrati minn qabel fuq il-formoli, fejn l-istampar ikun fdat f'idejn stamperija awtorizzata għal dan il-għan."

5) L-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa mħassar.

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn il-prodott tal-inbid jiċċirkolaw koperti minn wieħed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 24(1)(a)(i), il-prova tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni hija kostitwita mir-rapport ta' esportazzjoni msemmi fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2008/118/KE, stabbilit mill-uffiċċju tad-dwana tal-esportazzjoni skont il-provi deskritti fl-Artikolu 796e tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (*)

Fejn il-prodotti tal-inbid jiċċirkolaw koperti mid-dokument imsemmi fl-Artikolu 24(1)(a)(ii), il-prova tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni hija stabbilita skont l-Artikolu 796 g tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. F'dan il-każ, il-kunsinjatur jew l-aġent tiegħu għandu jirreġistra, fuq id-dokument ta' akkumpanjament, ir-referenza tad-dokument ta' akkumpanjament ta' esportazzjoni msemmi fl-Artikolu 796(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, minn hawn 'il quddiem "EAD", maħruġ mill-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni, billi juża wieħed mit-termini li jinsabu fl-Anness IX għal dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1."

(c) il-paragrafu 4 huwa mħassar.

6) L-Artikolu 28 huwa mħassar.

7) L-Artikoli 29, 30 u 31 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 29

Trasport ta' prodotti tal-inbid mhux ikkondizzjonati

1. Fil-każ tat-trasport ta' prodotti tal-inbid mhux ikkondizzjonati, u fejn is-sistema informatizzata jew sistema informatika msemmija fl-Artikolu 24(2), it-tieni inċiż, ma tintużax jew ma tippermettix li tiġi informata l-awtorità kompetenti tal-post tal-ħatt, il-kunsinjatur għandu jittrażmetti, sa mhux aktar tard mit-tluq tal-mezz tar-trasport, kopja tad-dokument ta' akkumpanjament lill-awtorità kompetenti fit-territorju li jkun għall-post tat-tagħbija, li min-naħa tagħha tinforma lill-awtorità kompetenti fit-territorji għall-post tal-ħatt.

L-ewwel inċiż japplika għall-prodotti tal-inbid li ġejjin:

(a) għall-prodotti oriġinarji mill-Unjoni, fi kwantità ogħla minn 60 litru:

(i) inbid maħsub biex jiġi ttrasformat fi nbid DPO jew IĠP, jew inbid ta' varjetà(jiet) jew ta' sena partikulari, jew ikkundizzjonat biex jiġi kkummerċjalizzat bħala tali;

(ii) most tal-għeneb parzjalment iffermentat;

(iii) most tal-għeneb ikkonċentrat, rettifikat jew le;

(iv) most tal-għeneb frisk bil-fermentazzjoni mwaqqfa biż-żieda ta' alkoħol;

(v) meraq tal-għeneb;

(vi) meraq tal-għeneb ikkonċentrat;

(b) għall-prodotti mhux oriġinarji mill-Unjoni, fi kwantità ogħla minn 60 litru:

(i) għeneb frisk, minbarra għeneb għall-ikel;

(ii) most tal-għeneb;

(iii) most tal-għeneb ikkonċentrat;

(iv) most tal-għeneb parzjalment iffermentat;

(v) most tal-għeneb konċentrat, rettifikat jew le;

(vi) most tal-għeneb frisk bil-fermentazzjoni mwaqqfa biż-żieda ta' alkoħol;

(vii) meraq tal-għeneb;

(viii) meraq tal-għeneb ikkonċentrat;

(ix) inbid likur maħsub għall-preparazzjoni ta' prodotti mhux koperti bil-kodiċi NM 2204;

(c) għall-prodotti li ġejjin, irrispettivament mill-oriġini tagħhom u l-kwantità ttrasportata, mingħajr ħsara għall-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25:

(i) fond tal-inbid;

(ii) karfa tal-għeneb, maħsuba għad-distillazzjoni jew għal forma oħra ta' pproċessar industrijali;

(iii) piquette;

(iv) inbid imsaħħaħ għad-distillazzjoni;

(v) inbid minn għeneb ta' varjetajiet mhux imniżżla bħala varjetajiet ta' għeneb tal-inbid fil-klassifikazzjoni stabbilita mill-Istati Membri b'applikazzjoni tal-Artikolu 120a tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għall-unità amministrattiva fejn dan l-għeneb ikun inqata';

(vi) prodotti li ma jistgħux jiġu offruti jew distribwiti għall-konsum dirett mill-bniedem.

B'deroga mill-ewwel inċiż, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skadenzi differenti f'dak li jirrigwarda t-trasport tal-prodotti tal-inbid li jiċċirkolaw esklussivament fit-territorju tagħhom.

Artikolu 30

Trasport ta' prodott minn pajjiż terz imqiegħed f'ċirkolazzjoni ħielsa

1. Għal kull tip ta' trasport fit-territorju doganali tal-Unjoni tal-prodotti tal-inbid li ġejjin minn pajjiż terz u mqegħdin f'ċirkolazzjoni ħielsa, id-dokument ta' akkumpanjament għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja, jew għandu jippermetti l-aċċess mill-korpi kompetenti:

(a) in-numru tad-dokument VI 1, maħruġ skont l-Artikolu 43 tar- Regolament (KE) Nru 555/2008 jew ir-referenzi ta' dokument ekwivalenti, iċċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini, taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 45 tal-imsemmi Regolament u rikonoxxut fir-relazzjonijiet bilaterali tal-Unjoni mal-pajjiż ta' oriġini, li akkumpanja t-trasport;

(b) l-isem u l-indirizz tal-korp tal-pajjiż terz li jkun ħareġ dan id-dokument jew li jkun awtorizza l-ħruġ ta' dan id-dokument minn produttur;

(c) id-data tal-ħruġ ta' dan id-dokument.

2. Għal kwalunkwe trasport fit-territorju doganali tal-Unjoni tal-prodotti tal-inbid li joriġinaw fl-Unjoni, esportati inizjalment lejn pajjiż terz jew lejn territorju ddefinit fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2008/118/KE, id-dokument ta' akkumpanjament għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja, jew jippermetti l-aċċess mill-korpi kompetenti:

(a) ir-referenza tad-dokument ta' akkumpanjament, imsemmija fl-Artikolu 24(1)(b) ta' dan ir-Regolament, stabbilita fil-waqt tal-ispedizzjoni inizjali, jew

(b) ir-referenzi għal dokumenti oħrajn ġustifikattivi prodotti mill-importatur u meqjusa sodisfaċenti mill-korp kompetenti meta sar it-tqegħid f'ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni, biex tiġi ppruvata l-oriġini tal-prodott.

3. Fil-każ li tintuża s-sistema informatika msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2008/118/KE, jew ta' sistema informatika implimentata mill-Istat Membru kunsinjatur, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi inkluża fis-sistema użata.

Artikolu 31

Ċertifikazzjoni tad-Denominazzjoni Protetta ta' Oriġini, tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta, taċ-ċertifikat tas-sena tal-ħsad jew taċ-ċertifikat tal-varjeta(jiet) tal-għeneb

1. Id-dokument ta' akkumpanjament jiswa bħala attestazzjoni tad-DPO, IĠP, jew ċertifikazzjoni tas-sena tal-ħsad jew tal-varjetà(jiet) tal-għeneb, bil-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 2 sa 6.

2. Fil-każ ta' prodotti tal-inbid mibgħuta fi Stat Membru jew bejn Stati Membri, id-dokument ta' akkumpanjament għandu jew jinkludi l-informazzjoni rilevanti għall-parti A tal-Anness IXa, jew jippermetti l-aċċess mill-korpi kompetenti. Għal dan il-għan, għandha tintuża tismija minn dawk li jidhru fil-parti B tal-Anness IXa.

Fil-każ li tintuża s-sistema informatika msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2008/118/KE, jew ta' sistema informatika implimentata mill-Istat Membru kunsinjatur, l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu għandha tiġi inkluża fis-sistema użata.

3. Fil-każ ta' prodotti tal-inbid esportati lejn pajjiż terż, id-dokument ta' akkumpanjament għandu jinkludi l-informazzjoni rilevanti msemmija fil-parti A tal-Anness IXa. Għal dan il-għan, għandha tintuża tismija minn dawk li jidhru fil-parti B tal-Anness IXa. Dan id-dokument għandu jkun possibbli li jitressaq, bħala attestazzjoni jew ċertifikat, f'kull talba għalih mill-awtoritajiet u mill-korpi kompetenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiż terzi ta' destinazzjoni.

4. Fil-każ ta' prodotti tal-inbid importati minn pajjiż terz, id-dokument ta' akkumpanjament għandu jirreferi għall-attestazzjoni jew għaċ-ċertifikat li ġie stabbilit fil-pajjiż tal-oriġini. Din l-attestazzjoni jew dan iċ-ċertifikat għandu jkun possibbli li jitressqu ma' kull talba għalihom tul il-moviment tal-prodotti, għall-awtoritajiet u għall-korpi kompetenti tal-Istati Membri.

5. Fejn l-Istati Membri jkunu imponew, għall-prodotti tal-inbid li jkunu saru fit-territorju tagħhom, l-istabbiliment ta' attestazzjoni ta' DPO, IĠP minn korp ta' spezzjoni maħtur għal dan il-għan, id-dokument ta' akkumpanjament għandu jinkludi r-referenza għal dik l-attestazzjoni, l-isem, u fejn meħtieġ, l-indirizz tal-posta elettronika tal-korp ta' spezzjoni. Din l-informazzjoni għandha ssewgi t-tismija użata skont il-paragrafi 2 jew 3.

6. Il-kunsinjatur jiċċertifika l-korrettezza tal-indikazzjonijiet rikjesti skont il-paragrafi 2 sa 5, abbażi tar-reġistri tiegħu jew abbażi tal-informazzjoni attestata fid-dokumenti li akkumpnjaw it-trasport fil-passat tal-prodott inkwistjoni."

8) L-Artikolu 39(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt d) huwa sostitwit b'li ġej:

"(d) kull inbid ta' varjetà ta' għeneb mingħajr DPO jew IĠP u l-prodotti maħsuba għall-ipproċessar f'inbid bħal dan jew ikkundizzjonati, bir-referenza tal-klassifikazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 120a tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007,"

(b) jiżdied il-punt ġdid e) li ġej:

"(e) kull inbid li mhuwiex kopert minn DPO jew IPĠ, u l-prodotti maħsuba biex jiġu pproċessati jew ikkundizzjonati, bl-indikazzjoni tas-sena tal-ħsad."

9) Il-punt u) fl-Artikolu 41(1) jitħassar.

10) Fl-Artikolu 49, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Jannar 2013, il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-ħruġ tad-dokument ta' akkumpanjament imsemmi fl-Artikolu 24(1)(b)."

11) Fl-Artikolu 50, jiddaħħal il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Il-komunikazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet, lill-korpi u lill-persuni kkonċernati minn dan ir-Regolament u, jekk ikun il-każ, lill-pubbliku jsiru permezz ta' sistemi ta' informazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni.

Il-modalitajiet prattiċi għall-aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni jinsabu fl-Anness IXb.".

12) L-Anness VI jinbidel skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

13) L-Anness VII jitħassar.

14) L-Annessi VIII u IX huma sostitwiti bit-test li jinsab fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

15) Jiddaħħlu l-Annessi ġodda IXa u IXb, li t-test tagħhom jinsab fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 24(1)(b) u 31 tar-Regolament (KE) Nru 436/2009, kif emendati mill-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2013.

Id-dokumenti ta' akkumpanjament imħejjija bil-kundizzjonijiet iddefinita mill-Istati Membri sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jintużaw sal-1 ta' Awwissu 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS I

L-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 436/2009 huwa emendat kif ġej:

1) It-titolu huwa sostitwit b'li ġej:

"**Istruzzjonijiet għall-istabbiliment tad-dokumenti ta' akkumpanjament**"

2) Il-parti A hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 2 huwa sostitwit b'li ġej:

"2. Id-dokument ta' akkumpanjament ma għandux ikun fih tħassir jew kliem fuq xulxin.";

(b) il-punti 4 u 5 jitħassru.

3) Il-parti C tinbidel b'li ġej:

"C. Informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 24(2) u (3)

L-informazzjoni mitluba hija ppreżentata fil-forma tal-elementi tad-dejta li jidhru fil-kolonna 1 tat-tabella hawn taħt.

Għall-istabbiliment tad-dokumenti ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 24(1)(a)(i) u (iii), dawn l-elementi ta' dejta jiġu identifikati bin-numri u bl-ittri li jidhru fil-kolonni A u B tat-tabelli mislutin fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009) (*il-kolonna 2* tat-tabella li ġejja).

Għall-istabbiliment tad-dokumenti ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 24(1)(a)(ii), dawn l-elementi ta' dejta jiġu identifikati bin-numri u bl-ittri li jidhru fir-Regolament (KEE) Nru 3649/92 (*il-kolonna 3* tat-tabella li ġejja).

L-ordni u d-dettalji tad-dispożizzjoni tal-elementi tad-dejta jiġi ddeterminati mill-Istati Membri, abbażi tar-regoli stabbiliti fit-taqsima B ta' dan l-Anness.

1	2	3
Numru ta' referenza: kull trasport għandu jkollu numru ta' referenza li bih ikun jista' jiġi identifikat fil-kontijiet tal-kunsinjatur. Dan in-numru għandu jkun, skont il-każ, il-kodiċi MVV jew in-numru ta' referenza tad-dokument ta' akkumpanjament semplifikat mogħti lid-dokument ta' akkumpanjament fil-forma amministrattiva jew kummerċjali.	***Nru 1d***	*Nru 2*
Kunsinjatur: isem u indirizz sħaħ, inkluż il-kodiċi postali (***in-numru tad-dazju (SEED*** [1]**) *jekk meħtieġ***)	***Nru 2***	*Nru 1*
Post tal-oriġini tal-kunsinna: il-post effettiv tal-oriġini kunsinna, jekk il-merkanzija ma tkunx mibgħuta mill-indirizz tal-kunsinjatur	***Nru 3***	*Nru 1*
Destinatarju: isem u indirizz sħaħ, inkluż il-kodiċi postali (***in-numru tad-dazju (SEED) jekk meħtieġ***)	***Nru 5***	*Nru 4*
Post aħħari tal-kunsinna: il-post effettiv tal-kunsinna aħħarija, jekk l-oġġetti ma jitwasslux sal-indirizz tad-destinatarju.	***Nru 7***	*Nru 7*
Awtoritajiet kompetenti tal-post tat-tluq: l-isem u l-indirizz tal-aworità kompetenti responsabbli għall-kontroll tal-ħruġ tad-dokument ta' akkumpanjament fil-post tat-tluq. Din l-indikazzjoni hija obbligatorja biss għal kunsinni lejn Stat Membru ieħor u għall-esportazzjoni	***Nru 10***	*kaxxa A*
Trasportatur: l-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli għall-ewwel trasport (jekk tkun differenti mill-kunsinjatur)	***Nru 15***	*Nru 5*
Indikazzjonijiet oħra rigward it-trasport: (a) it-tip ta' mezz ta' trasport (trakk, vann, bawżer, karozza, vagun tal-ferrovija, vagun bawżer, ajruplan) (b) in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew, għall-bastimenti, l-isem (informazzjoni fakultattiva)	***Nru 16***	*Nru 5*


1	2	3
Fil-każ li l-mezz ta' trasport jinbidel, it-trasportatur li jgħabbi l-prodott għandu jindika fuq wara tad-dokument: — id-data tat-tluq tat-trasport — it-tip ta' mezz ta' trasport u n-numru tar-reġistrazzjoni għall-vetturi tat-triq u l-isem għall-bastimenti — kunjomu, ismu, jew isem il-kumpanija tiegħu u l-indirizz postali, inkluż il-kodiċi postali **Fil-każ li jinbidel il-post tal-kunsinna aħħarija**: il-post effettiv fejn issir il-kunsinna.		
Kodiċi tan-NM	***Nru 17c***	*Nru 9*
Denominazzjoni tal-prodott skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 kif ukoll skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ, partikolarment l-indikazzjonijiet obbligatorji	***Nru 17p***	*Nru 8*
Deskrizzjoni tal-kaxxi tal-merkanzija: numri ta' identifikazzjoni u n-numru ta' kaxxi, numru ta' pakketti fil-kaxxi. Għad-dokumenti ta' akkumpanjament differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 24(1)(a)(i), id-deskrizzjoni tista' tkompli fuq folja oħra mehmuża ma' kull kopja. Għal dan il-għan tista' tintuża lista tal-kaxxi.	***Nru 17.1***	
Għall-prodotti bl-ingrossa: — għall-inbejjed, il-qawwa alkoħolika attwali — għall-prodotti mhux iffermentati, l-indiċi ta' refrazzjoni jew il-massa skont il-volum — għall-prodotti li jkunu għadhom qed jiffermentaw, il-qawwa alkoħolika totali — għall-inbejjed b'kontenut residwu ta' zokkor li jaqbeż 4 grammi fil-litru, minbarra l-qawwa alkoħolika attwali, il-qawwa alkoħolika totali	***Nru 17 g u o***	
